

# Vincenzo Borg *Brared*

fl-okkażjoni tal-250 anniversarju minn twelidu.
Bust ta' Vincenzo Borg *Brared* maħdum minn Salvatore Psaila, Awla Kapitulari, Kolleġġjata ta' Birkirkara.

# 250 Sena mit-twelid ta' Vincenzo Borg *Brared*

**Philip Xuereb**

**Birkirkara ta' Żmienu**

Lejn l-aħħar tas-Seklu Tmintax, Birkirkara kellha popolazzjoni ta' madwar erbat elef ruħ, inklużi l-limiti, jiġifieri, mhux bit-tliet irħula magħha imma bl-inħawi kollha lejn il-baħar mill-Imsida sal-bajja ta' San Ġorġ u 'l ġewwa sa San Ġwann tal-lum.

Ir-raħal prattikament kien dak li jitqies illum bħala ċ-ċentru storiku (*village core*) bl-inħawi ta' Ħas-Sajjied, Għar il-Ġobon u l-Għargħar (ta' Birkirkara) u l-bqija 'l fuq mill-Wied barra parti żgħira fi Triq l-Imrieħel. Il-Knisja l-Qadima, sal-bieraħ kienet għadha barra r-raħal. F'Birkirkara kien hawn ukoll għadd ta' villeġġaturi ta' nies mill-ibliet.

In-nies kienet taqla' għajxienha l-ewwel nett mill-biedja, speċjalment bit-tkabbir tal-qoton u xogħol relatat miegħu inkluż l-insiġ. Imbagħad bi snajja' bħall-fuħħar; trizza; il-bini, b'dak kollu marbut miegħu; mastrudaxxi; sajjieda (għal dawn it-tnejn jixhed l-altar u, fil-bidu tas-Seklu ta' wara, Fratellanza fil-knisja Kolleġġjata); ħajjata; ħaddieda; furnara; dawk involuti fit-trasport bħall-kalessiera u burdnara; psatas u ħamalli (*market boys*); ħwienet u negozji. Kien hemm ukoll xi professjonijiet meħtieġa bħal tobba, spiżjara, nutara u qassisin.



*Qoton*

Bħal irħula oħra, il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann kienu neħħew kull ħjiel ta' inizjattva tal-Maltin f'dik li hi tmexxija, ħlief nominalment għall-*connestabili* jew rappreżentanti f'dak li kien fadal mill-Kunsill Popolari jew Università tal-Imdina. Fil-fatt, kien jikkmanda l-Kaptan tal-Armi, Kavallier, li kien jinfluwenza dawn l-elezzjonijiet skont ix-xewqa tal-Granmastru.

**Min Kien Vincenzo Borg?**



F'Birkirkara, kif deskritta fuq fuq hawn, twieled Vincenzo Borg nhar il-11 ta' Jannar 1767, iben Wiġi jew Alojsju u martu Rożi. Dawn kienu nies tat-tajjeb minħabba li kienu jippossjedu ħafna raba' u propjetà.

Vincenzo ma jidhirx li tgħallem xi 'skola' fi tfulitu. Dak iż-żmien, kienu jitgħallmu l-iskola l-aktar dawk li riedu jsiru qassisin jew professjonisti. Aktarx li Borg kien jaf biss jaqra u jikteb xi ftit bit-Taljan, li dak iż-żmien kien il-lingwa uffiċjali fil-gżejjer tagħna. Dan kien isibu ta' ħtieġa fin-negozju li kellu jew aħjar aktarx kompla mill-familja meta kiber. Familtu kellha sehem kbir fit-tkabbir u l-ħidma tal-qoton, li minnu kienu jagħmlu wkoll l-hekk imsejħa *kutnina,* drapp b'saħħtu li kien jintuża biex jagħmlu l-qlugħ għall-bastimenti, li dak iż-żmien kienu jimxu biss bil-qawwa tar-riħ. Maltin oħra wkoll kellhom negozju simili u kienet issir esportazzjoni l-aktar għal Spanja.

Fuq in-nuqqas ta' 'skola' ta' Brared, li allura anqas ma kien jaf jitkellem bl-Ingliż, Alexander Ball, il-Kmandant tal-iskwadra navali Ingliża li fl-Imblokk kienet qed tgħasses il-portijiet, fil-bidu ta' Frar 1799, jikteb lil Borg u jgħidlu:

*Jisgħobbija mhux ftit li ma nafx nitkellem bl-ilsien Malti, biex ikolli l-ferħ li nitkellem miegħek mingħajr interpreti.*



***Newl***

**Id-Dar ta' Brared**

Ċensu *Brared,* kif kien popolarment magħruf, kien joqgħod f'dik id-dar kbira u imponenti li hemm ftit 'l isfel mill-knisja ta' Santu Rokku, fuq ix-xellug ta' min ikun tiela'. Sa kmieni fis-snin sebgħin tas-Seklu li għadda, sakemm ma nfetħitx it-triq maġenb il-Bażilika, din id-dar kellha ġnien ikbar milli għad għandha llum u kien jasal sal-imsemmija knisja. U mit-triq imsemmija wieħed għadu jista' jara bħal torri għoli, li forsi kien eventwalment meħtieġ għall-komunikazzjoni fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi.





F'Ġunju tas-sena 1990, is-Soċjetà Dun Filippu Borgia kienet għamlet kuntatt ma' wieħed mill-propjetarji preżenti ta' din id-dar biex jingħata permess li titqiegħed lapida mal-faċċata li tkun tfakkar lill-imsemmi patrijott. L-ittra ssemmi l-qisien li kellha tkun il-lapida u l-kliem:

***Hawn għex***
***il-Patrijott Karkariż***
***Vinċenzo Borg Brared***
***1767 - 1837***
*Soċ. Borgia 1990*

Id-dokumenti eżistenti ma jkomplux juru kif żvolġiet din l-inizjattiva. Imma sal-lum għad ma hemmx lapida li tfakkar lil Brared mad-dar fejn kien jgħix. Ħasra li din id-dar issa ilha numru tas-snin sew mitluqa għal riħha u għall-ħamiem. Hux forsi ta' min jaħseb ftit fuq din? Forsi dak li ma sarx darba jsir issa. Forsi din id-dar tiġi riabilitata jekk mhux ukoll ikkunsidrata bħala **Wirt Storiku Nazzjonali.** Forsi tkun skedata jekk mhix. Assolutament mhux xieraq li din id-dar titħalla kif inhi. Mhux ta' min li tingħata attenzjoni minn entitajiet bħal *Din l-Art Ħelwa* jew *Heritage Malta*?

E. B. Vella fil-ktieb tiegħu *Storja ta' Birkirkara* (1934) jgħid dan li ġej fuq Borg, b'rabta mad-dar tiegħu ta' ħdejn Santu Rokku:

*Mad-daqqa ta' għajn lejn il-palazz malajr wieħed jara s-setgħa tas-sultan li joqgħod fih, u meta hu*

*hekk kull min iħares lejn din id-dar jista' jaqtagħha li s-Sur Viċenz kien wieħed mill-aqwa – jekk mhux l-aqwa – tar-raħal, miżmum b'ġieħ minn kulħadd u li l-kelma tiegħu kienet tiswa ħafna.*

Iżda minkejja s-sens ta' sinjorilità u importanza ta' din id-dar, Vinċenzo Borg ma qagħadx lura milli f'dak iż-żmien ta' kriżi u ħtieġa, jagħmilha sptar għall-morda u l-feruti.



**Razzett Ta' Xindi**




Fil-ktieb tiegħu li saret riferenza għalih iktar qabel, Vella jgħid li Brared kien imfittex ħafna għall-pariri għax *kien miżmum bħala bniedem għaqli u ta' dehen kbir.* Ikompli jitkellem fuq il-laqam li bih kien popolarment magħruf u jfisser li l-kelma *Brared* hija l-plural ta' *barrada,* li kienet tkun bħal ġarra żgħira, li jingħad li Vinċenz kien jimlihom bit-tin, u kien iqassamhom mal-ħobż, forsi tax-xgħir jew tal-maħlut (qamħ u xgħir), lill-foqra li kienu jkunu fil-bżonn.

Fost proprjetajiet oħra li nafu kellu Vincenzo Borg, hemm id-dar kbira fi Triq l-Imsida, li fiha, fiż-żmien kien hemm l-iskola primarja qabel ma nbniet dik tal-lum, u fejn illum hemm l-Istitut *Saint Francis de Paul.* Kellu wkoll ir-razzett magħruf bħala *Ta' Xindi,* illum parti mil-lokalità ta' San Ġwann, imma dak iż-żmien fil-limiti ta' Birkirkara, mnejn kien imexxi mill-qrib il-ħidmiet tal-Battaljun ta' Birkirkara fl-imsemmi Imblokk.

**L-Aħħar Żmien tal-Ordni f'Malta**

Fl-aħħar snin tal-Ordni f'Malta ma setax jonqos li bħall-bqija tal-Maltin, il-Karkariżi setgħu kienu mdejqin bil-Kavallieri. U speċjalment wara r-rivoluzzjoni Franċiża u r-rebħiet ta' Napuljun fl-Italja li ġabu lill-Ordni finanzjarjament għarkupptejha, il-lealtà ta' bosta Kavallieri, speċjalment Franċiżi ġiet nieqsa. Iżda ma nistgħux ngħidu fiż-żgur jekk kienx hemm Karkariżi mdaħħlin fil-konfoffa tal-Kavallier Ransijat Bosredon ma' kavallieri oħra, speċjalment Franċiżi, u xi kbarat Maltin, biex Malta tgħaddi f'idejn Napuljun u Franza.



**Invażjoni tal-qawwiet Franċiżi ta' Napuljun**

Ingħad, li Napuljun saħansitra żar lil Vincenzo Borg fid-dar tiegħu. Din isemmiha Ġużè Muscat Azzopardi fir-rumanz tiegħu bl-isem ta' *Nazju Ellul.* Din setgħet kienet tradizzjoni orali fis-Seklu Dsatax, żmien ir-rumanzier Ġużè Muscat Azzopardi, kif ukoll setgħet kienet biss finzjoni letterarja tiegħu. Jingħad li Napuljun mar għand bosta nies fil-ftit jiem li kien f'Malta. Jissemmew bosta avventuri li ma kienux ta' natura militari! Li hu żgur hu l-impatt negattiv kemm tal-invażjoni kif ukoll tal-amministrazzjoni Franċiża li segwiet, li ma damux ma darrsu lill-Maltin anki meta Napuljun kien għadu fil-gżira.

**L-Invażuri u Birkirkara**

Bla oppożizzjoni, is-suldati Franċiżi ma damux ma waslu f'Birkirkara, li aktarx li kien l-ewwel raħal li waqa'. Kien hemm sakkeġġi u żebliħ tan-nisa, kif fost oħrajn, jgħid l-imsemmi Vella. Dan jgħid ukoll li dawn l-azzjonijiet twaqqfu fuq ordni tal-istess Napuljun wara talbiet li sarulu minn xi notabili lokali, l-aktar sinjuri mill-ibliet bil-villeġġatura fil-lokal u li wħud minnhom laqgħu lilu u lill-uffiċjali Franċiżi oħra fi djarhom. Dan kollu jagħtik x'taħseb li wħud minn dawn, forsi dawk li ma kellhomx xi kariga tajba fis-servizz tal-Ordni, kienu mseħbin fil-pjan tal-Kavallier rinnegat Bosredon de Ransijat.

Birkirkara u l-Karkariżi ntlaqtu wkoll mill-ordnijiet li bdew ħerġin. Ordni tat-13 ta' Ġunju kienet tgħid li 'l għada, f'Birkirkara, kellha ssir spezzjoni tal-ex-reġimenti Maltin tal-Ordni bl-iskop li jimbarkawhom għall-kampanja tal-Eġittu fejn kien sejjer Napuljun. Erbat ijiem wara ħarġet ukoll ordni biex jimbarkaw lis-subien ta' dawn is-suldati li kienu 'l fuq minn għaxar snin. Il-Ġeneral Vaubois kellu jieħu ħsieb l-ingaġġar ta' baħrin fil-flotta Franċiża u ma' dawn kien hemm ukoll Karkariżi.



*Ex voto fil-Mellieħa – Ir-riġment tal-'cacciatori' Maltin f'taqtigħa fl-Eġittu*

Fit-13 ta' Ġunju twaqqfu l-Muniċipalitajiet li kienu bħal speċi ta' Kunsilli Lokali. Fil-ħames waħda kien hemm Birkirkara, Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard. Minn Birkirkara, intgħażlu biex jiffurmaw parti mit-tmexxija ta' din il-muniċipalità, Girgor Gatt u Pietru Camenzuli, it-tnejn deskritti bħala propjetarji. Wieħed jinnota li mhuwiex inkluż Vincenzo Borg, li tagħti lil min jifhem li għal xi raġuni jew oħra dan ma kienx miġjub jew li kien hemm oħrajn li kienu iżjed miġjubin minnu mill-ħakma l-ġdida. Ismu anqas ma jidher fost dawk ta' *Imħallef tal-paċi,* li tħabbru xi ġimagħtejn wara u li t-tlieta li okkupaw din il-kariga b'mod konsekuttiv ma damux ma ħallewha.



*Rappreżentazzjoni allegorika tar-Repubblika Franċiża – Mużew Katidral*

Fl-istess jum tħabbret is-soppressjoni tal-monasteri bl-ordnijiet reliġjużi jkollhom biss kunvent wieħed. Għal Birkirkara dan kien ifisser ukoll li wara li diġà kienu għaddew mija u sebgħin sena mit-twaqqif tagħha, il-Kolleġġjata Elenjana kienet ser tiġi soppressa.

Nhar l-14 ta' Lulju, il-Franċiżi ċċelebraw il-Festa tal-Libertà u waqt iċ-ċelebrazzjonijiet f'Ħ'Attard, parti mill-muniċipalità ta' Birkirkara, 'l għada 15 ta' Lulju, inqala' ħafna storbju u ġlied hekk li kienet meħtieġa l-għajnuna militari biex jarrestaw lil dawk li kienu qalgħu l-inkwiet. Carmelo Testa fil-ktieb tiegħu *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar,* jikkummenta li dal-ġlied jagħtik x'taħseb li kien bejn Franċiżi u Maltin.

Sadanittant, bdew jidhru sinjali ta' inċertezza u għaks mal-pajjiż. Beda jinħeba l-qoton u din l-industrija kbira bdiet tieqaf kif għamlet l-esportazzjoni ta' materja prima u prodotti oħra. In-nies impjegati fil-fabbriki tilfu posthom. Oħrajn li kienu jagħmlu dan ix-xogħol fid-djar stess spiċċaw fl-istess sitwazzjoni. Minħabba l-għaks li beda jinħass bdew jinbiegħu oġġetti tad-deheb. Saret taxxa fuq l-ilma li kien jittieħed mill-għejun pubbliċi. Ir-riservi tal-ikel tal-gżira kienu fi stat ħażin u mhux biżżejjed. U dan il-mexxejja Franċiżi kienu jafuh.

Bdew isiru bosta rapporti ta' sgass u serq ta' porvli u munizzjon minn impostazzjonijiet militari bħat-torrijiet tax-xtut. Beda jkun hemm ġlied, diżordni u tbeżżiegħ tal-pubbliku f'diversi rħula min-nies ta' kondotta ħażina hekk li ħarġet ordni biex dawn jinġabru u jittieħdu għal servizz infurzat fuq bastimenti tal-gwerra Franċiżi. F'Awwissu, mal-ħitan fl-ibliet bdew jidhru kitbiet anonimi kontra l-Franċiżi u dawk li jżommu magħhom. Dan seħħ l-aktar fl-ibliet. L-Isqof ta' Malta, Vincenzo Labini, ħareġ Pastorali biex jikkalma lill-poplu. Imbagħad fit-28 tal-istess xahar waslet f'Malta l-aħbar tad-disfatta tal-qawwa Franċiża ta' Napuljun, li kienet marret l-Egittu, mill-qawwiet Ingliżi taħt Nelson fil-Battalja ta' Aboukir.

**Ifaqqa' l-irvell tal-Maltin**

F'dawn iċ-ċirkustanzi jidher li Vincenzo Borg ma setax jara dan u jibqa' passiv. Dan jistqarru f'dikjarazzjoni li għamel rigward il-Baruni Pawlu Sciberras Bologna:

*Jiena, Vincenzo Borg, rappreżentant ta' Birkirkara, nistqarr illi ġranet qabel l-irvell ta' din il-kampanja* (jiġifieri, Malta barra mill-ibliet) *iltqajna ħafna drabi f'ħafna postijiet u tkellimna fuq l-irvell ta' issa; l-aħħar li ltqajna kien quddiem il-'Monte di Pietà... u għedna li aħjar nirvellaw milli nibqgħu lsiera taħt il-gvern mill-agħar tagħhom* (il-Franċiżi).



*Il-Maltin jaħbtu għall-Imdina okkupata mill-Franċiżi*

Għalhekk aktarx li mhux ta' b'xejn li nhar it-2 ta' Settembru 1798, meta faqqa' l-irvell, Borg kien l-Imdina u ġera lejn Birkirkara jagħti l-aħbar u l-Karkariżi ħatruh kap tagħhom. U ta' 31 sena u bid-dehen li kien magħruf għalih, fis-sentejn li kellhom jiġu, kien jiflaħ jitħabat u jistinka f'diversi ħidmiet meħtieġa u b'diversi modi.

Jerġa' din tal-irvell kienet ilha ġejja minn kmieni, għallanqas sa mit-2 ta' Lulju, skont ma jgħid Alfredo Mifsud fil-ktieb *Origine della Sovranità Inglese su Malta,* li għalkemm kiteb fil-bidu tas-Seklu Għoxrin, kien għadu simpatizzant tal-Ordni. Huwa jsemmi lil ċertu Comm. Fra Michelangelo Attard, allura hu wkoll sostenitur tal-Ordni, u jgħid:

*Fu per opera del Comm. Attard suscitata una controrivoluzione nell'isola di Malta, e per opera sua furono trafugate molti armi e munizioni dall'artiglieria e somminisrate alla Campagna.*

Mifsud jikkontendi d-data tat-2 ta' Lulju 1798 mill-appell li kien għamel il-General Vaubois, li kien tħalla kap f'Malta minn Napuljun, u li bih ried jiftaħ għajnejn jew iwissi l-pubbliku:

*Dalle perfide suggestioni di un piccolo 'branco' di uomini che soliti ad umiliarsi rispettano i loro antichi Padroni... vi annunziano dei disordini e vi fanno temere funesti avvenimenti...*

Minbarra li dan juri li l-ġamar kien beda jikbes kmieni, juri wkoll li l-lealtajiet fost il-Maltin kienu wkoll imħawdin. U E. B. Vella jgħid ukoll li:

*Ftit kienu dawk li ma kinux jgħidu ġid f'Borg u dawn kienu l-partitarji tal-Franċiżi u tal-Ordni, li ma kienx jista' jġerraħhom.*

Fost is-simpatizzanti mal-Ordni f'Birkirkara stess, Brared ma kellu lil ħadd anqas mill-Prepostu Pietru Pawl Micallef. Imma Borg, f'ittri mibgħutin lil Alexander Ball fi Frar tal-1799, jistqarr li *l-biċċa l-kbira minna, li huma għadd kbir, iħaqqu quddiem kulħadd li ma jixtiequ xejn aktar milli jaraw il-gżira maħkuma mill-Ingliżi u l-Maltin.*

U forsi din tikkorobora wkoll ma' dak li jingħad fuq Borg, li hu kien jinsisti li kellu jitwaqqaf il-Kunsill Popolari, li Malta kellha fl-antik qabel il-Kavallieri, bħala gvern tal-pajjiż.

**Polemika fuq it-tmexxija**

Fuq it-tmexxija ta' Birkirkara jidher li għall-ewwel kien inqala' xi diżgwid għaliex ċertu Wiġi Sillato minn Bormla, li meta saret l-invażjoni mill-Franċiżi kien Kaptan tal-għassa tal-Maltin imma li issa kien qed joqgħod Birkirkara, ħalla bil-miktub li kien hu li waqqaf il-battaljun ta' Birkirkara u li kien il-kap fil-kamp tal-Għargħar fl-ewwel xahrejn tal-irvell. Sillato jistqarr li Brared kien qalgħu għax xaħħam lin-nies. Iżda mbagħad teżisti dikjarazzjoni tat-2 ta' Jannar 1799 li turi li Borg kien involut fl-irvell mill-ewwel u li mill-ewwel kien il-kap tal-Karkariżi:

*Aħna li isimna jidher hawn taħt, kapijiet tal-gvern ta' Birkirkara u tal-kamp tal-Għargħar u l-battaljun tiegħu, billi smajna li fl-imsemmi raħal jinsabu xi wħud ta' rashom mhix flokha, illi bdew ma jridux joqogħdu għall-ubbidjenza tal-kap tagħna ġenerali u kmandant, is-Sur Viċenz Borg, niddikjaraw u ngħidu quddiem kulħadd illi huwa, is-Sur Viċenz Borg, billi sa mill-ewwel ħin tal-irvell tal-Maltin kien magħżul bir-rieda ta' kull wieħed minna u tan-nies kollha biex ikun kap u kmandant kemm fl-imsemmija Birkirkara kif ukoll fil-kamp tal-Għargħar u l-battaljun tiegħu...*

F'din id-dikjarazzjoni, magħmula quddiem in-Nutar Vincenzo Allegretto f'Att Pubbliku, il-firmatarji jgħidu li Borg għandu jibqa' kap ġenerali sal-aħħar tal-gwerra u ma jridux jagħrfu ebda kap ieħor forsi magħżul minn nies imxaħħmin. Iffirmawha għaxar kapijiet u dawk li kienu jissejħu *deputati*. Id-dikjarazzjoni nqrat ukoll bil-Malti quddiem il-battaljun fil-kamp tal-Għargħar li wettaq dak li kien għadu kif sema'.



Silta minn ittra ta' Vincenzo Borg, imlaqqam Braret

**Firma ta' Vincenzo Borg: Rapprete di Birchircara e Capo del Campo del Garghar**

Irid jingħad ukoll li meta ftit wara li beda l-Imblokk, nhar l-4 ta' Settembru 1798, saret l-ewwel laqgħa bejn il-kapijiet u rappreżentanti tal-irħula, kien Vincenzo Borg li deher għal Birkirkara u kien ikkonfermat bħala l-kap tal-battaljun tal-Karkariżi, li miegħu ngħaqad ukoll dak tal-Mosta. U meta inqalgħet kwistjoni bejn il-kamp ta' San Ġużepp u dak tal-Għargħar,

kien Borg li fl-20 ta' Settembru tela' l-Imdina jitkellem mal-Kmandant Manwel Vitale. U meta fi Frar 1799 saret l-għażla tar-rappreżentanti għall-Kungress tal-Maltin li kien għadu kif twaqqaf, il-Karkariżi ħatru lilu wkoll bħala deputat tagħhom.

**Il-Ħidma ta' Brared fl-Imblokk**

Hawn ma nistgħux intawlu wisq u nġibu biss dak li jgħid E. B. Vella:

*Il-Ħidma tiegħu nistgħu nqassmuha fi tlieta. L-ewwel bħala kostruttur u provveditur militari. It-tieni bħala kap (militari u ċivili) ta' Birkirkara. U t-tielet bħala wieħed mill-gvern tal-Kampanja* (p. 437).

*Hu kellu joħroġ flusu, ibiegħ il-kutnina li kellu b'telf kbir u jissellef ħafna flus biex jitma lin-nies ta' taħtu bħallikieku kienu qegħdin jaħdmu għall-'barunija tiegħu'.*

L-istess awtur jirrimarka li permezz tal-ħsieb tajjeb ta' Borg, meta nħassu nuqqasijiet f'kampijiet oħra, il-kamp u d-distrett ta' Birkirkara kellhom il-proviżjon tagħhom. Għal din il-gwerra huwa kien ħareġ flus iżjed mill-aktar wieħed sinjur f'Malta.

Għajdut, aktarx umoristiku dwar Borg, juri li fejn ma kinux jaslu l-mezzi li kien hemm għad-dispożizzjoni tiegħu, l-aktar fil-bidu nett tal-qawmien tal-Maltin, kienet tagħmel tajjeb l-inventiva li kellu. Għax jgħidu li biex jimpressjona lill-gwariġjon tal-Franċiżi fil-Forti Manoel, meta l-armi li kellhom il-Maltin kienu ftit, kien qabbad lil xi nies tiegħu joqogħdu jduru mal-kappella ta' San Ġwann tal-Għargħar, bil-lasta ta' midra, speċi ta' furketta kbira tal-injam għall-agrikultura, fuq spallithom. Hekk mill-bogħod kienu jidhru donnhom għaddejjin ħafna suldati bl-azzarin.



*Il-Batterija t-twila*

Biex ma ntawlux wisq, biżżejjed insemmu li l-kmand tiegħu kien responsabbli għal terz tal-imblokk tal-ibliet u l-fortijiet madwar il-portijiet. Mhux biss, imma ried jara li jitħarsu x-xtut kollha minn San Ġiljan u l-bqija tal-kosta tan-naħa ta' fuq tal-gżira.

Biżżejjed insemmu l-ħames batteriji li bena biex jilqa' għall-fortijiet Manoel u Tignè, okkupati mill-Franċiżi, u mal-erba' mitt metru ta' ħitan ħoxnin oħra difensivi li l-awtur preżenti jiftakar uħud minnhom fix-xagħri ta' Sqaq is-Salib 'il ġewwa sa qabel ma nbena l-Isptar tal-lum.



Hu importanti li nsemmu s-sehem qawwi li kellu bħala kap tal-Battaljun ta' Birkirkara fil-kuntatti, it-tħejjijiet mal-mexxejja tal-konġura ta' Dun Mikiel Xerri fil-Belt, u fl-attwazzjoni tal-ħbit li

kellu jsir minn għadd ta' Karkariżi u Mostin taħt it-tmexxija tiegħu. Dawn, fis-satra tal-lejl, qasmu mill-Imsida lejn il-Bieb ta' Marsamxett u staħbew fl-imħażen tal-kwarantina li kien hemm qrib biex mas-sinjal jiftħulhom il-bieb u jidħlu jgħinu lil sħabhom tal-Belt. Sfortunatament, dan ma rnexxiex u Vincenzo Borg kien ħa din id-disfatta bi kbir ħafna hekk li wara għamel xi żmien marid.



*Il-bieb u l-imħażen ta' Marsamxett*

Ta' min insemmu wkoll il-ħidma biex jintlaqgħu fir-raħal nies li l-Franċiżi kienu keċċew mill-Belt. Borg impenja ruħu personalment biex isib xogħol għal nisa u xebbiet fqar permezz ta' għodod għall-insiġ li akkwistalhom. Kien hemm ukoll perijodi meta f'Birkirkara kienu stazzjonati truppi Naplitani u Ingliżi li kienu ntbagħtu għall-għajnuna u li Vincenzo Borg kien sabilhom fejn joqogħdu.

**Wara l-Imblokk**

Wara l-kapitulazzjoni tal-Franċiżi fl-1800, Vincenzo Borg kien rispettat ħafna mir-rappreżentanti tal-Gvern Ingliż f'Malta u kien inħatar Logutenent jew Sindku ta' Birkirkara fis-sistema ġdida ta' amministrazzjoni li kienet saret u kellu wkoll karigi importanti fuq livell nazzjonali.

Kien ingħata l-medalja ***Patria Liberata*** għall-ħidma tiegħu matul l-imblokk tal-Franċiżi. Kienu saru żewġ tipi ta' din il-medalja. L-ewwel tip kien dik tad-deheb bil-kitba msemmija li ngħatat fost oħrajn lill-Kap ewlieni tal-Maltin Manwel Vitale, lil Vincenzo Borg u lill-Kanonku F. S. Caruana. Ingħatat midalja tal-fidda lil dawk kollha li kienu taw servizz fl-Imblokk, u din fuq naħa kellha l-isem ta' min kien ħadha



*Dar fi Triq San Ġiljan fejn presumibilment kienu stazzjonati truppi barranin*

u fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-kliem *Malta ai suoi difensori – 1800.*

Iżda r-relazzjonijiet bejn Borg u Ball kellhom jitħassru meta, fl-1802, dan tal-aħħar inħatar Kummissarju Rjali. Ball neħħa lil Borg minn Logutenent ta' Birkirkara u għamel kampanja ta' persekuzzjoni kontrih u kontra niesu. Iżda mbagħad fl-1833, Vincenzo Borg inħatar Kavallier tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ, li l-Ingliżi kienu waqqfu apposta għall-gżejjer Maltin u dawk Joniċi. Hu kien l-uniku wieħed li ma kienx nobbli fost dawk li rċivew din l-onorifiċenza.



***Il-midalja 'Patria Liberata'***

Sadanittant, Vincenzo Borg kien involut fil-ħidmiet li li kienu jsiru fil-knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena. Fl-1809, hu kkummissjona lil Ġwakkin Triganza sabiex dan jagħmillu ż-żewġ qniepen li jinsabu fil-kampnar tal-Lvant, dawk li llum huma magħrufin bħala *l-antika* u *tat-tletin.* Xtara wkoll il-qanpiena ta' quddiem fil-kampnar l-ieħor li tissejjaħ *l-Għawdxija.*



***Id-dekorazzjoni tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ***

Ftit qabel mewtu, li ġrat nhar it-18 ta' Lulju tal-1837, kienet għadha kif tlestiet u ddaħħlet fil-knisja, il-vara ta' Sant'Elena li hu kien ikkummissjona mingħand l-iskultur Salvu Psaila. B'tifkira tiegħu, fil-knisja ta' Sant'Elena hemm irħama interzjata bi skrizzjoni li qabel kienet taħt il-presbiterju u issa tinsab mal-ħajt fil-kuritur tas-sagristija ewlenija. Fl-Awla Kapitulari hemm ukoll il-bust tiegħu li kien sar mill-istess Psaila u mogħti lill-Kolleġġjata mid-dixxendenti tiegħu lejn l-aħħar tas-Seklu Għoxrin.





*Lapida ta' 'Brared' fil-Kolleġġjata Elenjana u r-reġistrazzjoni tal-mewt tiegħu*

Kien hemm drabi fejn kien hemm tqanqila biex isir monument li jkun ifakkar lil dan l-eroj u benefattur Karkariż. Iżda donnu li kull darba kien biss nar tat-tiben li malajr spiċċa u sa daħnitu sfumat fix-xejn. L-aħħar darba kien fi snin 1998 u 2000 meta kienet ir-rikorrenza tal-mitejn sena mill-Imblokk tal-qawwiet Franċiżi. Tgħid ta' min jerġa' jaħseb sew f'dan u din id-darba naraw li ma tkunx tqanqila biss, li ma jkunx nar tat-tiben biss, imma li nibqgħu sa ma ssir realtà? *Brared* jixraqlu. Aħna għandna għax nafuhulu.



VINCENZO BORG, "BRARET"
dal busto in creta presso D. G. Sammut.

***Ritratt ta' bust ieħor ta' Vincenzo Borg riprodott fil-ktieb ta' Mons. A. Mifsud***

**Bibljografija**


William Hardman, *A history of Malta during the period of the French and British occupations, 1798-1815,* Midsea Books *(facsimile Edition),* Malta 1994.

Mons. Alfredo Mifsud, *Origine della Sovranità Inglese su Malta,* Tipografia del Malta, 1907.

Carmelo Testa, *Maż-Żewġ Naħat Tas-Swar* 3 Volumi, Klabb Kotba Maltin 1979, 1980 u 1982.

E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha,* Empire Press, Malta 1934.

Qari interessanti ieħor huma artikli ta' Ġużeppi Mallia u SAL f'edizzjonijiet varji tal-Ktieb tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Elena maħruġa mill-Kummissjoni Kapitulari u l-pubblikazzjonijiet ta' Joseph A. Deacon.